**QORTI TAL-APPELL**
**(Sede Inferjuri)**

**Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta tal-Gimgha, 8 ta' Novembru, 2019**

**Appell numru: 49/18**
**Wara sentenza tal-Arbitragg Mandatorju M3126/12PM**
**datata 26 ta' April, 2018**

**Fogg Insurance Agencies Ltd ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Argus Insurance Company (Europe) Limited u din kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Pauline Buhagiar, u l-istess Pauline Buhagiar**
**vs.**

**Clayton James Fenech u GasanMamo Insurance Ltd.**

**Il-Qorti**

1. Illi dan huwa appell minn decizjoni ta' Arbitragg Mandatorju datata 26 ta' April, 2018 fejn gie deciz kif isegwi:

*'Ghaldaqstant l-esponent jikkonkludi li Clayton James Fenech kien unikament risponsabbli ghall-habta u ghandu jhallas l-ammont mitlub bl-imghax mit-12 ta' Marzu 2012 sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez.'*

2. Illi l-lodo appellat nghata wara li l-appellati rikorrenti Fogg Insurance noe et. sostnew li sehh incident awtomobilistiku nhar is-16 ta' Lulju 2011 bejn il-vetturi GLN219, UVE333 u EBK454 u konsegwenza ta' hekk sofrew danni fl-ammont ta' €4,340. Huma nsistew li l-incident sehh rizultat ta' negligenza u traskuragni da parti tal-intimat appellant odjern Clayton James Fenech u/jew da parti tas-sewwieq tal-vettura EBK 454 assigurata mas-socjeta' intimata Gasan Mamo Insurance Limited.

Fir-risposta tieghu l-appellant Clayton James Fenech eccepixxa illi ma huwiex responsabbli ghall-incident in kwistjoni u wkoll ikkontesta l-quantum tad-danni .

L-intimata s-socjeta' Gasan Mamo Insurance Limited irrispondiet illi l-incident sehh unikament tort ta' l-appellant odjern Clayton James Fenech.

4. Rat illi l-intimat Clayton James Fenech appella mid-decizjoni u ressaq tliet aggravji kif isegwi:

i) Ir-rapport tal-PL Mario Buttigieg kellu jigi sfilzat u ma kellux jithalla jiddeponi;

ii) L-apprezzament tal-provi kellu jwassal l-Arbitru ghall-konkluzjoni differenti ghal dik li wasal ghaliha, u nkluda apprezzament b 'konkluzjonijiet zbaljati u kontradittorji li certament effettwaw il-gudizzju ta' l-Arbitru;

iii) Minghajr pregudizzju ghall-premess, id-decizjoni fuq id-dekorriment ta' l-imghax hija zbaljata.

5. Rat illi s-socjeta' appellata GasanMamo Insurance Limited wiegbet ghall-appell billi sostniet li fil-mertu d-decizjoni appellata hija wahda gusta u timmerita li tigi konfermata bl-ispejjez kollha kontra l-appellant.

Ir-rikorrenti appellati Fogg Insurance Agencies Limited noe et. irrispondew li filwaqt li jirrimettu ruhhom ghad-decizjoni tal-Qorti fir-rigward tal-kwistjonijiet bejn l-appellant u s-socjeta' appelleta GasanMamo Insurance dwar min hu responsabbli ghall-incident, isostnu li fir-rigward tat-tielet aggravju, l-imghax kif deciz ghandu jigi konfermat.

6. Semghet it-trattazzjoni tal-appell tal-partijiet fis-seduta tat-28 ta' Gunju, 2019 u ddifferiet l-appell ghad-decizjoni ghal-lum.

**Konsiderazzjonijiet**

7. Illi l-fatti tal-kaz odjern jirrizultaw li jidderivaw minn incident awtomobilistiku li sehh nhar is-16 ta' Lulju, 2011 fejn il-vettura tal-appellant Clayton James Fenech UVE333 habtet head-on mal-vettura misjuqa minn Jean Guy Legendre (assigurat mas-socjeta' appellata GasanMamo Insurance Ltd) bin-numru ta' registrazzjoni EBK 454. Il-vettura EBK 454 konsegwentement ghall-ewwel impatt habtet ukoll mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GLN219 misjuqa mir-rikorrenti Pauline Buhagiar u assigurata mas-socjeta' rikorrenti Fogg Insurance Agencies Ltd. Konsegwenza tal-incident sfortunatament mietet il-passiggiera riekba fil-vettura EBK454 assigurata mas-socjeta' intimata appellata mart is-sewwieq Jean Guy Legendre. L-appellant isostni li kienet il-vettura ta' Jean Guy Legendre li nvadiet il-karreggata li fiha kien qed isuq l-appellant Clayton James Fenech u kkawzat l-incident filwaqt li s-socjeta' appellata ssostni li kien l-appellant li nvada l-karreggata ta' Jean Guy Legendre. Hawnhekk jirrizulta n-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet stante li skont min invada l-karregjata ta' min, per konsegwenza, huwa hati tal-incident u wkoll ghalhekk responsabbli ghall-habta mal-vettura GLN219 misjuqa mir-rikorrenti odjerna.

8. Illi l-Arbitru wasal ghad-decizjoni tieghu wara li saru erbatax-il seduta ghall-gbir tal-provi u kkunsidra s-segwenti:

*'Rapport tal-Pulizija*

*Ezatt wara l-habta Fenech qal: "konna telghin lejn Saqqajja fil-lane tieghi meta hekk kif gejna fid-dawra sibt Chevrolet ma' wicci fil-lane tieghu u hbatna."*

*Jean Guy Legendre li kien qed isuq il-vettura assikurata ma' Gasan Mamo Insurance qal: "I was driging downhill when all of a sudden I got disoriented and drove on the wrong side of the road and the collision occurred with the vehicle coming in the opposite direction."*

*Pauline Buhagiar qalet "kont qed insuq l-isfel lejn Mosta u kelli l-vettura Chevrolet quddiem u hin minnhom rajtha tahbat mal-vettur li kienet gejja bil-kontra u jien pruvajt neivithom imma xorta sehh l-impatt."*

*Fir-rapport tal-Pulizija gie konkluz li "il-vettura misjuqa minn certu Jean Guy Legendre kienet niezla lejn il-Most apero ghal xi raguni din il-vettura kienet fil-lane opposta . . . mal impatt bejn zewg vetturi giet involuta ukoll vettura ohra . . . misjuqa minn Pauline Buhagiar li kienet qed tinstaq fid-direzzjoni ta' direzzjoni tal-Mosta."*

*Xhieda:*

*Pauline Buhagiar qalet li dak in-nhar it-traffiku kien "leggier' hafna". Ma kienx hemm traffic jam. Kien hem mil-vettura assikurata ma' Gasan quddiema. Kienu ghaddejjin b'speed ta' 35kfs. Buhagiar qalet: "F'daqqa wahda rajt karozza gejja mill-faccata, kienet BMW giet fuq in-naha tal-carriage way li konna niezlin ahna. Nghid li l-ispeed tal-BMW kien eccessiv ghaliex f'daqqa giet fuqna. Habtet mal-Chevrolet li kienet quddiemi u bid-daqqa (IC-Chevrolet qalghat id-daqqa fuq il-lemin ta' quddiem) c-Chevrolet giet lura u laqtet lili . . . kont xi hames metri wara c-chevrolet.*

*Buhagiar qalet: Ic-Chevrolet kienet fuq ix-xellug u f'ebda hin ma resqet lejn il-lemin tat-triq."*

*Fil-kontro-ezami Buhagiar qalet li l-BMW giet wrong side ipprovat tevita l-incident izda l-habta sehhet. Buhagiar marret l-ghassa wara l-incident biex tikkoregi l-verjoni taghha. Hi tghid li inkiteb hazin il-versjoni taghha ghaliex ma nizlux li c-Chevrolet kienetq quddiema fil-lane taghha.*

*Anthony Buhagiar qal li kien front seat passenger ma' Pauline Buhagiar. Kienu wara l-vettura Chevrolet li kienet qabzithom . . . l-incidet gara hafna wara. Kien qed jitkellem mat-tfal u f'daqqa semgha l-mara tghid li "dan gej ghal go fina", semgha daqqa, hares l-quddiem u ra Chevrolet gewwa fid-direzzjoni taghhom. Huwa kienuf uq is-side taghohm tat-triq.*

*Ian Joseph Buhagiar li kien qed isuq il-vettura ta' ommu sejjer lejn l-Mosta. Ra vettura BMW two seater gej minn faccata, din il-BMW qasmet u giet fuq*

*is-side tieghu; huwa qal "dan se jinfaqa". Il-BMW kienet ghaddejja gas down. Fil-kontro-ezami Ian Joseph Buhagiar qal li mar fuq il-post immedjatament wara li cemplet ommu. Hu kien cert li tal-BMW kien qasam fuq it-triq tieghu.*

*PS 163 Robert Azzopardi xehed li mar on site izda ma setax jistabilixxi l-point of impact.*

*Illi waqt l-inkjesta xehed Jean Guy Legendre li qal: "I do not remember in which side of the road I was driving when the incident occurred. As I was travelling down the hill I saw a car BMW colliding into the front of my car. Through the impact my car spun and another car dashed into my car and I finished facing the way I was coming. Whilst driving through Triq l-Infetti I don no remember any cars in front of me or behind me. I did not see the Toyota car behind me. I do not remember whether I braked before the accident.'*

*Gie presentat affidavit ta' Dr. Adrian Muscat Azzopardi li qal li mar on site wara lincident u sab l-vetura ta' Fenech fuq ix-xellug u zewg karozzi ohra li jidhru fir-ritratti AMA 1-6 esebiti. Muscat Azzopardi qal li Legandre skuza ruhu iktar minn darba mal-Pulizija billi qal li kien isorjentat u kien qed isuq fuq in-naha tal-lemin tat-triq minflok fuq ix-xellug.*

*Gie presentat affidavit ta' Mark Camilleri li kien passigier fil-vettura ta' Clayton Fenech. Camilleri qal li kienu qed isuqu b'speed regolari u giet il-vettura Chevrolet fuq in-nah taghhom u Fenech ma kellux hin biex jirrejagixxi billi l-habta sehhet ezatt malli daru. Fenech ipprova iross mal-*

*hajt fuq in-naha tax-xellug tat-triq imma dan ma kienx bizzejjed biex jevita l-impatt peress li Chevrolet kienet qed tinstaq f'nos il-lane taghhom. Wara l-incident id-driver tal-chevrolet beda jiskuza ruhu maghhom u qal li kien dizorjentat u kien ghalhekk li kien qed isuq fuq il-lane il-hazina. Baqa jghid hekk anki meta waslu l-Pulizija.*

*Gie presentat affidavit ta' Clayton Fenech. Fenech qal li kien ghaddej fuq il-karreggjata tieghu b'velocita regolari u malli dar l-ahhar kurva tat-telgha sab karozza Chevrolet gejja fid-direzzjon tieghi fuq l-istess karreggjata . . . ma kellux cans irrejagizzi u bil-konsegwenza habtu. L-impatt kien bin-naha tal-lemin fuq quddiem tal-karozza Chevrolet u in naha tal-lemin fuq quddiem fil-karozza tieghu. Nak0unoatt uc)cgevriket daret u tkaxkret ghal fuq il-karregjata li suppost kienet qed tkun misjuqa fuqa. Meta tkaxkret ghal fuq din il-karregjata intlaqtet minn Toyota Vits. War al-habta Legandre kien qieghed kontinwament jiskuza ruhu u jghid li kien qed siqu fuq il-karregjata l-hazina ghax kien disorjentat. Fenech qal ukoll li s-sinjuri Buhagiar kienu qed jishqu li huma ma raw xejn. Fenech ha diversi ritratti li gew esebiti.*

*Josephine Soler xehdet li kienet f'karozza JVS425 kellha l-BMW ta' Fenech quddiem. Il-BMW kienet sejra bil-mod. Il-BMW kienet fuq ix-xellug. Hi ma ratx l-incident izda meta waslet hemm rat l-BMW fuq ix-xellug u l-vettura ohra (tal-Canadiz) fin-nofs. Solet qalet li kelmet mal-Canadiz li qalilha li haseb li seta jaqbez ghaliex ma hasibx li jigu karozzi min naha l-ohra.*

*Dr. Mario Buttigieg xehed li l-marki li jdihru fir-ritratti esebit minn Clayton Fenech mhumiex brake marks izda tyre marks. Fir-rapport tieghu Dr. Buttigieg jghid li Fenech issorpassa nofs il-karreggjata u dan a bazi tax-xhieda ta' Pauline Buhagiar, Anthony Buhagiar u Ian Buhagiar. Meta ha x-xhieda ta' Legandre dan qal li "I do not remember on which side of the road I was driving."*

*Dr. Mario Buttigieg xehed fil-kontro ezami li qatt ma ikkonkluda fejn kien l-ispost of impact. Ikkonkluda li l-habta sehhf uq in-naha tax-delluq into u nizel ghaliex meta tara l-hsara fil-BMW ta' Fenech, din sofriet hsara fuq in-naha tax-xellug u hsara fuq l-hajt fuq ix-xellug ta' Fenech li ifisser li Fenech "dahal b'certu velocita gol hajt war ali kienet sehhet il-habta". Apparti minn hem ix-xhieda li taw Buhagiar li qalu li bid-daqqas il-vettur ta' Legandre marret lura u habtet fit-Toyota ta' Buhagiar. Dr. Buttigieg qal li kkonkluda li l-BMW kienet sejra b'velocita' qawwija.*

*Xhieda ta' Clayton Fenech waqt l-inkjesta:*

*Waqt l-inkjesta xehed Clayton Fenech li qal li kellu lil Mark Anthony Camilleri bhala passenger. Huma kienu telghin lejn Saqqajja. Kien qed isuq fuq ix-xellug tat-triq. Clayton Feneh qal: Meta gejt sabiex indur mal-liewja rajt vettura ta' ghamla Chevrolet gejja mid-direzzjoni opposta izda fuq il-karregjata tieghi. Meta jien ilmaht is-sewwieq l-ihoer jiena ma stajt inwaqqaf peress li l-incident sehh fil-kurva u jiena lilu rajt meta qbist il-kurva waqt li s-sewwieq l-iehor baqa diehel go fija."'*

F'dan l-istadju d-decizjoni appellata dahlet fil-kontenut tan-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet u wkoll gharblet id-decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati fil-konfront kemm ta' Clayton Fenech u wkoll ta' Jean Guy Legandre fejn tal-ahhar gie liberat fis-sena 2014 filwaqt li Clayton Fenech ma nstabx hati fis-sena 2016, mill-istess Qorti izda preseduta minn Magistrati diversi. Illi d-decizjoni tkompli:

*'In konnessjoni mal-point of impact – il-qorti qalet kif gej:*

*"The court deems that the position of the third car involved in this accident, the Toyouta (Buhagiar) sheds a lof of light as to the position of the vehicles incolved prior to impact. From an accurate study of photograph AA4 it is possible to establish the exact spot where the toyouta impacted with the Chevrolet. Right behind the Toyota there is a trickle of oil leading beneath the car. Next to it there are two skid marks also leading towards the Toyota. The court necessarily concludes that this is where the Toyouta and the Chevrolet collided when the Chevrolet was pushed backwards by the BMW. This necessarily implies that the Chevrolet must have been on the same carriage way then rotating leaving the other semicircular mark extending from the right hand lane onto the left hand lane.*

*Had the Chevrolet been on the lane where the BMW was being driven the impact between the Cehvrolet and the Toyota would have been to the side and not completely frontal as happened in this accident. This circumstantial*

*evidence is a corroboration of Pauline Buhagiar's testimony that accused was driving continuously at a moderate speed on his side of the road and that at no point in time did he step into the lane of oncoming traffic . . . all this therefore leaves no doubt in the mind of the Court that the accused (Legendre) was driving diligently, with moderate speed on his side of the road and could never be held responsible for the collision between his car and that of the injured party".*

*Talba ghall-isfliz tar-rapport ta' Dr. Mario Buttigieg*

*Ilil Fenech talab l-isfilz tar-rapport ta' Dr. Buttigieg. Gasan Mamo Insurance oppona ghal din it-talba. Illi l-arbitru mhux ser jordna l-isfilz. Illi sar il-kontro ezami ta' Dr. Mario Buttigieg u r-rapport tieghu huwa utili biex l-arbitru jasal ghal konkluzjoni dwar il-habta.*

*Dwar id-danni.*

*Illi fil-mori ta' dawn il-proceduri l-konvenuti qalu li mhux qieghdin jikontestaw l-ammont ta' danni.*

*Konsiderazzjonijiet tal-Arbitru:*

*Illi d-diffikoltajiet principali f'dan il-kaz huma l-versjonijiet opposti, il-fatt li ma giex stability "point of impact" mill-Pulizija u l-fatt li ezatt wara l-habta*

*Legandra qal li "he was disorientated and drove on the wrong side of the road."*

*Illi certament r-rikorrenti ma kellha ebda tort u l-ammont riklamat mhux kontestat.*

*Meta xehed fl-inkjesta Legandre ma regax irripeta li saq fuq in-naha hazina tat-triq u li kien disorientated. Qal li ma jiftakarx.*

*Illi l-espert Dr. Buttigieg ikkonkluda li Fenech "kien qed isuq il-vettura tieghu BMW b'velocita' eccessiva . . . intant sabiex Fenech jikkontrolla l-vettura tieghu me hu beda jdur mal-liewja li din it-triq toffri hu beda jaqta ghad-dritt . . . il-vettura ta' Fenech dahlet fil-vettura ta' Legendre b'mod angolat . . . il-forza tad-daqqa kienet wahda tant b'sahhitha li l-vettura ta' Legendre daret u mxiet lura fid-direzzjoni li kienet gejja minnha b'konsegwenza li l-vettura Toyota li kienet qed tigi misjuqa minn Pauline bUhagiar baqghet diehla fix-Chevrolet . . . Illi fl-opinjoni tal-esponent jirrizulta b'mod car li l-habta sehhet fuq in-naha tal-lemin tat-triq u cioe' fejn kien ghaddej fil-karregjata tieghu Jean Guy Legendre."*

*Dr. Buttigieg ikkonkluda: "illi fl-opinjoni tal-esponent huwa car illi l-incident gara minhabba li Clayton James fenech ma ba ghad isuq fil-karregjata tiehgu. Illi jidher car minn kif spiccaw il-vettur li l-vettura Chevrolet qalet daqqa that kbira illi daret u mxiet lura u dahlet fil-vettura Toyouta. Illi dan sa konsegwenza tal-velicotagholja tla-vettura BMW li biha*

*habtet fil-vettura Chevrolet fil-mument ta-indient meta qatghet il-liewja ghad-dritt."*

*Anthony Buhagiar xehed li ra il-BMW "tmur ghan-naha l-ohra tat-triq wara l-habta".*

*Illi l-arbitru jaqbel mas-sentenza fil-kawza Pulizija vs. Legendre fuq imsemmija fis-sens li kieku Legendre kien wrong side u Fenech kien ghaddej b'speed normali fuq in-naha tieghu huwa difficili biex tifhem kif tispjega li l-vettura ta' Legendra habtet mal-vettura ta' Buhagiar fl-istess lane ta' Legandre. Illi ghalkemm Legendre qal, immedjatament wara l-incident li kien hu li tilef il-kontrol u mar wrong side l-esponenti jikkonkludi hija izjed kredibli Pauline Buhagiar li ma kellhiex interess u li spiccat fuq in-naha taghha tat-triq."*

Konsegwentement l-arbitru ghaddha sabiex jiddeciedi li r-responsabbilta' tal-incident kienet tinkombi fuq l-appellant odjern.

**9. L-ewwel aggravju**

Illi permezz tal-ewwel aggravju tieghu l-appellant jibqa' jinsisti li r-rapport tal-PL Mario Buttigieg kellu jigi sfilzat u li ma kellux jidhalla jixhed fil-proceduri tal-arbitragg. Jirrizulta lil din il-Qorti li l-ilment tal-appellant huwa ghaliex isostni li l-PL Mario Buttigieg fiz-zmien tal-incident kien surveyor tas-socjeta' appellata Gasan Mamo Insurance

Ltd. u kien jipprestalha servizz. Jirrizulta lil din il-Qorti li l-PL Mario Buttigieg, bhal f'hafna ncidenti awtomobilistici ohra li jsehhu fil-pajjiz, gie nominat mill-Magistrat tal-Ghassa bhala espert sabiex jirrelata dwar l-incident in kwistjoni dak in-nhar tas-16 ta' Lulju, 2011. Ir-relazzjoni tieghu fl-atti tal-inkjesta giet esebita fl-atti tal-arbitragg. Din ir-relazzjoni ggib id-data tat-2 ta' Awissu, 2011.

Illi da parti taghha s-socjeta' intimata GasanMamo Insurance Ltd. sostniet li l-PL Mario Buttigieg qatt ma hadem ta' surveyor maghha kif allega l-appellant. Tirrikonoxxi li kien ghamel zmien qasir jahdem bhala 'investigator' maghha izda dan l-impieg kienu ilu li gie terminat mill-1 ta' Lulju, 2008 cioe' mill-anqas tliet snin qabel l-incident in kwistjoni. Tissottometti wkoll li minn dak iz-zmien kien beda jahdem ghal rasu bhala 'motor vehicle accident investigator' izda dan ix-xoghol jaghmlu 'freelance' u mhux bhala mpjieg ma' xi persuna jew entita' partikolari tant illi tul is-snin huwa gie mqabbad kemm mill-kumpanija assiguratrici tal-appellant kif ukoll mill-istess socjeta' appellata sabiex jinvestiga kollizzjonijiet partikolari.

Illi l-Qorti gharblet il-process bir-reqqa u sabet li dak in-nhar tal-incident partikolari l-uniku nkarigu li kellu l-PL Mario Buttigieg relatat ma' dan l-incident kienet in-nomina tieghu mill-Magistrat Inkwirenti. Ma tressqet l-ebda prova li l-PL Buttigieg dak in-nhar tal-incident kellu xi nteress partikolari la fis-socjeta' assikurattiva tal-appellant u l-anqas fis-socjeta'assikurattiva ntimata. Il-Qorti ghalhekk

tqis li ma jezisti l-ebda kunflitt ta' nteress kif allegat mill-appellant filwaqt li tirrikonoxxi l-linja ta' specjalizzazzjoni tal-Pl Buttigieg u tqis li r-rapport tieghu fl-atti odjerni kif ukoll ix-xhieda tieghu huma mehtiega, w'ghaldaqstant ser tghaddi sabiex tichad l-ewwel aggravju tal-appellant.

**10. It-Tieni aggravju**

Illi t-tieni aggravju tal-appellant isostni li l-abritru fid-decizjoni tieghu ghamel apprezzament hazin tal-fatti li wasslu ghal decizjoni zbaljata da parti tieghu. Skont l-appellant, id-decizjoni tal-arbitru kienet ibbazata fuq ir-rapport tal-espert P.L. Mario Buttigieg u s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fil-konfront ta' Jean Guy Legendre.

Illi minn analizi tal-provi fl-atti u wkoll tad-decizjoni appellata din il-Qorti assolutament ma taqbilx mas-sottomissjonijiet tal-appellant f'dan ir-rigward. Din il-Qorti fl-ewwel lok ma tistax ma tammettix li l-ewwel dikjarazzjoni da parti tas-sewwieq tal-vettura Chevrolet cioe' Jean Guy Legendre, li huwa kien disorjentat u qabez fuq il-lane opposta, thallik perpless stante li tista' facilment tigi kunsidrata bhala ammissjoni tar-responsabbilta' ghall-incident da parti tieghu. Madanakollu jirrizulta mill-atti li din id-dikjarazzjoni saret minn Legendre, minghajr ebda kawzjoni kif trid il-ligi, fl-istess hin li kien ghadu qed jistenna l-ghajnuna medika tant li wara jirrizulta li kemm l-istess Legendre u l-passiggiera ta' mieghu martu Remee Pelland

spiccaw ittiehdu l-isptar u gew certifikati li kellhom griehi gravi. Jirrizulta li Remee Pelland konsegwentement mietet. Il-Qorti ghalhekk tqis li l-arbitru kien korrett li ma serrahx biss il-konsiderazzjonijiet u l-konkluzjonijiet tieghu fuq din l-ewwel dikjarazzjoni izda dahal fid-dettal u l-gharbiel ta' dak li nghad minn kull xhud li ddepona quddiemu. Fil-fatt kemm mill-atti kif ukoll mill-fatti kif issir referenza ghalihom fid-decizjoni appellata, jirrizulta li kien hemm diversi xhieda ohra okulari li kkonfermaw li Jean Guy Legendre kien qed isuq fuq is-side tieghu u li kienet il-vettura BMW li qabzet il-linja tan-nofs u b'hekk sehh l-incident. In partikolari l-arbitru ghamel referenza ghax-xhieda tar-rikorrenti odjerna Pauline Buhagiar u r-ragel taghha Anthony Buhagiar. L-Arbitru ghamel ukoll referenza estensiva ghar-rapport tal-PL Mario Buttigieg pero' irrikonoxxa li l-istess espert ghall-ewwel ma setax jistabilixxi l-'point of impact' izda li dan wasal ghall-konkluzjoni li kien Clayton James Fenech li qabez il-linja medjana abbazi ta' evidenza ohra fosthom ritratti li wrew skid mark tal-vettura BMW li bdew mil-lane opposta tat-triq.

Illi din il-Qorti rat ix-xhieda kollha, ir-rapport tal-PL Buttigieg u l-atti kollha, partikolarment rat ir-ritratt esebit bhala ritratt MB 11 a fol. 119 tal-atti tal-arbitragg minn fejn jidher b'mod car skid mark tal-vettura BMW li beda minn naha tax-xellug tat-triq ghan-naha tal-lemin. Din il-Qorti tqis li dan ir-ritratt ma jhalli l-ebda dubju dwar liema vettura kienet fil-lane l-hazina meta sehh l-incident u cioe' dik tal-appellant w'ghalhekk johrog car li l-verzjonijiet moghtija mill-konjugi Buhagiar

huma dawk veritjeri u cioe' li kienet il-vettura BMW li qabzet il-linja tan-nofs u mhux il-vettura ta' Jean Guy Legendre b'dana li allura jsegwi li r-responsabilita' tal-incident tinkombi unikament fuq l-appellant Clayton James Fenech.

Il-Qorti ghar-ragunijiet suesposti ghalhekk, filwaqt li tiddikjara wkoll, b'zieda mas-suespost, li taqbel mal-konkluzjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati fid-decizjoni favur Jean Guy Legendre, filwaqt li wkoll tqis li fl-atti odjerni l-grad tal-prova huwa anqas minn dak fi proceduri kriminali, stante li ma ghandha l-ebda dubju dwar ir-responsabilta' tal-appellant ghall-incident de quo, ser tghaddi sabiex tichad ukoll it-tieni aggravju tal-appellant.

**It-Tielet aggravju:**

11. Illi t-tielet aggravju tal-appellant iqajjem l-opposizzjoni tal-appellant ghad-decizjoni li jithallas imghax mit-12 ta' Marzu, 2012 sad-data tal-hlas effettiv. Jirrizulta li din id-data l-arbitru gabha mit-talba bil-miktub tar-rikorrenti fejn indikaw li saret ittra ufficcjali li ggib dik id-data. L-appellant isostni li fl-atti ma ngabet l-ebda prova dwar l-allegata ittra ufficcjali w'ghalhekk isostni li din il-Qorti ghandha tqis li l-ewwel talba ghall-hlas saret permezz tan-notifika lilu tat-Talba bil-miktub.

Illi da parti taghha s-socjeta' rikorrenti appellata tammetti li fl-atti ma gietx esebita l-ittra ufficcjali in kwistjoni lanqas fl-istadju ta' dan l-appell. Fil-fatt ghalkemm mar-risposta s-socjeta' rikorrenti appellata ghazlet li tesebixxi e-mail datata 5 ta' Ottubru, 2016, ghal darb'ohra ma esebietx kopja tal-ittra ufficcjali in kwisjtoni. Il-Qorti tinnota li fl-e-mail esebita, nonostante li din giet esebita fi stadju ta' appell w'ghalhekk kellu jintalab il-permess sabiex din tigi esebita, ma jirrizultax li l-appellant b'xi mod jirrikonoxxi l-ezistenza tal-ittra ufficcjali in kwistjoni w'ghalhekk xejn ma hi ta' ghajnuna ghal din il-Qorti sabiex jigi rizolt dan l-aggravju. Minn naha l-ohra l-fatt li anki f'dan l-istadju u nonostante l-aggravju, ma gietx esebita l-ittra ufficcjali in kwistjoni jqajjem dubju ragjonevoli f'mohh din il-Qorti jekk verament din tezistix. Fic-cirkustanzi stante li l-ewwel interpellazzjoni gudizzjarja fl-atti tirrizulta li hija n-notifika tat-Talba bil-miktub lill-appellant, liema dokument jirrizulta minn fol. 22 tal-atti tal-arbitragg li gie notifikat nhar l-4 ta' Mejju, 2012, din il-Qorti in linea anki mal-gurisprudenza kwotata mill-istess appellant, ser tghaddi sabiex tilqa' dan l-aggravju u tvarja d-decizjoni billi tordna li l-imghaxijiet ghandhom jigu kalkolati mid-data tal-4 ta' Mejju, 2012. Stante izda li jirrizulta li d-differenza fid-dati hija vera minima, u stante li din il-Qorti kif gia suespost ser tichad il-bqija tal-aggravji tal-appellant, tqis li l-ispejjez ta' dan l-appell xorta wahda ghandhom jigu sopportati nterament mill-appellant.

**Decizjoni**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi l-appell interpost kif isegwi:**

**1. Tichad l-ewwel u t-tieni aggravju tal-appellant;**
**2. Tilqa' t-tielet aggravju tal-appellant limitatament ghal dik il-parti tad-decizjoni li tikkoncerna l-imghax, tirrevoka dik il-parti tad-decizjoni appellata fl-ismijiet premessi datata 26 ta' April, 2018 fejn gie ordnat li 'ghandu jhallas l-ammont mitlub bl-imghax mit-12 ta' Marzu 2012' u tvarjaha billi tordna li l-appellant ghandu jhallas l-ammont mitlub bl-imghax mid-data tal-4 ta' Mejju, 2012.**
**3. Tikkonferma l-bqija tad-decizjoni appellata fl-ismijiet premessi datata 26 ta' April, 2018**
**Bl-ispejjez ukoll ta' din l-istanza ta' appell kontra l-appellant.**

**(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**Imhallef**

**(ft.) Maureen Xuereb**
**Deputat Registratur**

**Vera kopja**

**D/Registratur**